# L-Intensitajiet Spiritwali fil-Ġabra *Għera* ta' Gioele Galea

Studenta:
Marla Xuereb

Tutur:
Prof. Bernard Micallef

## 1. Daħla

It-tema prinċipali mistħarrġa f'dan l-istudju hija l-intensitajiet spiritwali fil-ġabra poetika *Għera* tal-kittieb kontemporanju Gioele Galea. Il-versatilità assoċjattiva u alluživa fil-kitba tiegħu tixhed, b'diversi modi, kif il-lirika tista' tapprofondixxi l-ansjetajiet tar-ruħ. Dan l-istudju jinqeda b'*Għera* bħala kampjun ta' din il-versatilità letterarja. Il-ġabra poetika ta' Galea tippreżenta d-diversi modi ta' kif il-vulnerabbiltà għerja tal-kittieb tikkundizzjona l-qagħda spiritwali tiegħu. Għaldaqstant, din ir-riċerka tanalizza x'tip ta' għera hi: jekk hijiex korporali, spiritwali, verbali, topografika – jew dawn kollha f'mixja lirika waħda misluta minn djarju intimu tar-ruħ. Fuq kollox, tanalizza wkoll il-kawżi ta' din il-qagħda ta' għera dominanti fil-kitbiet poetiċi ta' din il-ġabra. Dan l-istudju qasir jirrifletti d-dinamika kunfliġġenti tas-sensibilità lirika ta' dan il-poeta, li sikwit tirreġistra l-movimenti interjuri ta' ruħu f'poeżija konċiża iżda mimlija teknika li tipproblematizza l-esperjenza reliġjuża.

## 2. Il-motif tal-għera

Il-ġebel, iċ-ċagħaq, ir-ramel, ix-xita, il-baħar u l-bqija tal-fenomeni naturali spiss isiru korrelattivi oġġettivi għas-sensibiltajiet spiritwali ta' ruħ il-kelliem liriku, perċezzjoni li sikwit tirriżulta fl-istat ta' ruħ għerja. Dan il-motif ma jissimbolizzax biss il-mod kif il-lirika ta' Galea tisfa żarmata minn kull ornament stilistiku żejjed, li mhuwiex essenzjali għall-kitba minimalista tipika tiegħu. Anzi, għalkemm qatt mhu erotiku fl-idjoma lirika tiegħu, l-għera xorta waħda tirreferi għan-nudità fiżika, b'mod partikolari tal-wiċċ sikwit irrappreżentat bis-sineddoke tal-għajnejn jew tax-xofftejn (Aquilina 76, 86). Aktar minn hekk, din il-vulnerabbiltà tiddenota wkoll il-ħila tal-bniedem li jiċċaħħad minn kull sens ta' possessjoni jew trijonf materjali, dak li jitgħarwen minn kull għata fiżika biex iberraħ lil ruħu għall-enigma tad-divin. Għalkemm f'diversi mumenti poetiċi ta' Galea din l-espożizzjoni għall-misteru divin tista' tidrob u tferi b'mod profond, xorta waħda tiġġarrab bħala l-imħabba intensa u bla kundizzjoni ta' min jirrendi lilu nnifsu miftuħ għal preżenza aqwa minnu.

B'żieda ma' dan, il-kelliem liriku sikwit jindirizza l-għera tal-ambjent pajsaġġistiku kkundizzjonat minn ħarifa perpetwa permezz tax-xbihat kontinwi tas-siġar qed joħorfu, atmosfera li tissinkronizza mal-qagħda ta' ruħ il-persona qed titgħarwen (Micallef, "Il-Vokattiv fil-Lirika Minimalista" xxvii). Dan il-paralleliżmu ta' bejn l-għera interjuri (fl-ispiritwalità tal-persona lirika) u dik esterjuri (tal-ambjent madwaru) jittrażmetti s-sens ta' dinja li qed tiddiżintegra quddiem forza akbar minnha, u konsegwentement tħalli vojt, jew aħjar, tiftaħ spazju li r-ruħ kważi kważi tixxennaq għalih, għax jippermettilha viżjoni iktar ċara tad-divin (Micallef, "Il-Vokattiv fil-Lirika Minimalista" xxix-xxx), preżenza ironikament inviżibbili, iżda li l-ġesti tagħha straordinarjament xorta jinħassu.

L-istat ta' sensibbiltà spiritwali għerja jieħu forma ta' esperjenza rivelatorja f'din il-ġabra. L-att ta' ċaħda minn kull ħajra materjali tqiegħed lir-ruħ f'konfront mad-dalma tas-solitudni (Stollenwerk 25), tiġrib li minnu eventwalment jintlaħaq "stat elevat ta' perfezzjoni" fejn ir-ruħ tingħaqad mad-divin, f'komunjoni reċiproka (Steuart 1). Il-kritiku Daniel Stollenwerk josserva li din il-ħila li teħles lir-ruħ minn kull fissazzjoni materjali hija fil-fatt id-duttrina ta' San Ġwann tas-Salib, figura prominenti tas-seklu sittax (speċjalment fi Spanja), li ġarrab tberriħ spiritwali assolut matul iż-żmien li qatta' maqful f'ċella

mudlama, sabiex eventwalment kiseb is-salvazzjoni ta' ruħu u kkonverta (25). Skont ir-rakkont tat-tiġrib tal-lejl mudlam tar-ruħ minn San Ġwann, id-dlam u l-vojt huma fundamentali għall-kisba tal-magħmudija spiritwali (Steuart 13), tant mixtieqa minn ruħ il-kelliem liriku ta' Galea, għaliex wara kollox anki d-divin irid bilfors jiġi kkonċepit bħala "xejn" ladarba d-dehra tiegħu dejjem hija assenti (Stollenwerk 26).

## 3. It-topografija għerja tal-jien u tal-ieħor

Fl-epilogu għall-ġabra poetika ta' Galea, bit-titlu "The Naked Face: An Afterword," Aaron Aquilina jiddiskuti l-pubblikazzjoni fid-dawl tal-filosofija ta' Emmanuel Levinas, b'mod partikolari l-kunċetti ta' "l'Autrui" ("the other") u "le visage" ("the face"). Dawn ir-referenzi jixhdu li l-ieħor, mifhum bħala fattizzi ubikwiti li jirreaġixxu għal kull aġir tagħna (u b'hekk isawru fina sens etiku), rari huwa assenti anki meta l-lirika ta' Galea tidher qiegħda tittratta biss ambjent esterjuri deżolat. Il-wiċċ osservatur tal-ieħor, għalhekk, jintiseġ mal-fakultà morali tal-kelliem liriku daqskemm mal-elementi pajsaġġistiċi li ħafna drabi jirrappreżentaw stadji spiritwali. Huwa għalhekk, aktarx, li l-istudju ta' Aquilina jikkonkludi bis-suġġeriment li titkompla r-riċerka dwar, fost aspetti oħra, l-ambjent topografiku li fil-poeta jvarja bejn l-opposti: "oċeani għal deżerti, borra għal lava" (90).

Sa mill-poeżija introduttiva, "Minn ruħna 'l ġewwa," il-kelliem liriku jinqeda bit-topografija tad-"deżert", li b'xejriet naturali diversi għalkollox mill-pajsaġġ Malti xorta waħda jallegorizza l-qagħda interjuri ta' eżistenza kollettiva, ġemgħa anonima indikata permezz tas-suffiss "-na" fi kliem bħal "ruħna" u "xufftejna". Straordinarjament, ix-xeħta intima u personali mogħtija lil dak li hu straman u eżotiku f'din il-poeżija timplika li, sakemm it-territorju mhux magħruf ma jiġġarrabx bħala interjorità immedjata, lanqas mhuma se jitberrħu l-kwalitajiet intrinsiċi tan-natura umana. L-ewwel strofa, imwettqa b'senarju iżolat, tirrifletti strutturalment l-"għajnejn xotti" identifikati mal-beraħ smewwi, nieqes minn kull sinjal tal-preżenza divina, għalkemm il-kelliem liriku xorta waħda qed jittrattah bħala wiċċ osservanti. B'hekk l-għajnejn niexfa tal-ġemgħa, il-wiċċ smewwi vojt minn kull espressjoni li tista' timmarka preżenza, u l-wiċċ strutturali tal-poeżija nnifisha jingħaqdu f'sens wieħed ta' skumdità korporali bl-għera u bl-iżolament. Inevitabbilment, jinħoloq kunflitt bejn il-ħarsa tal-Ieħor divin li l-folla tħoss li hemm mixħuta fuqha u l-awsterità mġarrba mill-aħna

(li wara kollox ma humiex ħlief il-jien u l-ieħor imsemmija fis-sottotitlu) daqskemm mill-ambjent ċirkostanti aridu. L-esperjenza poetika, għalhekk, tilħaq il-qofol tagħha fil-biża', u ironikament, fl-inċertezza tal-bniedem mill-preżenza tad-divin, imġarrba bħala kobor infinit. Il-bqija tal-poeżija tkompli tiżvela sensiela ta' ċirkostanzi ambjentali u korporali li jimponu skumdità fuq il-persona kollettiva vulnerabbli. L-intensità mqanqla mill-kliem li "ġo rasna / [sar] ġebel u ramel", minn "xufftejna mwaħħla", u mill-"ħars [li] jaħraq" l-għajnejn tkompli titqawwa sakemm fl-aħħar strofa, ironikament, jintlaħaq il-kulminu ta' folla b'interjorità vakanti: "Minn ruħna 'l ġewwa / deżert." Madanakollu, il-klajmaks fit-tmiem nett tal-poeżija joffri folla li fiha "ħadd ma jibki", b'kunflitt evidenti mal-konfessjonijiet imberrħa fl-istrofi preċedenti, li jirrendu lill-aħna bħala ġemgħa dgħajfa. Filwaqt li, minn banda, in-nuqqas ta' biki af huwa konsegwenza tal-eżawriment fiżiku tal-għajnejn xotti u jaħarqu, u allura ma jippermettix lill-aħna t-tberriħ tal-intensitajiet emottivi tagħhom, mill-banda l-oħra, il-biki mrażżan af huwa wkoll estensjoni tal-baħħ esterjuri u interjuri, iż-żewġ dimensjonijiet maqbudin fit-topografija komuni tad-deżert tal-jien u l-ieħor, jew l-aħna. Proprju għax il-beraħ li donnu ma joffri xejn iġib bżonn ta' milja f'ruħ il-komunità sħiħa, jimmotiva fl-istess ħin it-tiftixa għal unjoni mġedda mad-divin. Kif josserva Bernard McGinn, dan l-istat ta' "ariditá spiritwali" jservi bħala l-bidu ta' proċess li jilħaq il-qofol tiegħu sewwasew meta l-ġewwieni jissaffa, meta x-xbieha topografika tad-deżert, imqar bil-kwalitajiet ambivalenti u sublimi tagħha, twassal għall-istat ta' "ġenna tar-ruħ" (161). Paradossalment, fil-poeżija ta' Galea l-inħawi li mad-daqqa ta' għajn jidhru mingħajr ħajr, motiv, jew ħjiel spiritwali jissarrfu fi wġigħ interjuri u esterjuri li jgħin lill-kotra tiskopri dimensjonijiet ulterjuri fiha stess. Għalkemm f'din il-qagħda ta' topografija arida interjorizzata l-fidi tal-bniedem f'Alla titpoġġa f'xifer kriżi minħabba li tintensifika s-solitudni interjuri (Mercieca 58), fil-ktieb tiegħu *Ascent of Mount Carmel* (miġbur f' *The Collected Works of St. John of the Cross*), San Ġwann tas-Salib jirrendi kull ruħ li tisfa deżolata bħala "ffortunata" (171), proprju għaliex, kif jimplika Joseph Symonds fil-ktieb tiegħu *The Case and Cure of a Deserted Soul*, l-istat aħħari "perfett" jiġġustifika l-kumbattimenti kollha mġarrbin qabel (Wang 30).

Is-sens ta' ruħ vakanti implikat mid-"deżert" jidwi f'numru ta' stqarrijiet u episodji bibliċi. Minn punt bikri fit-Testment il-Qadim, il-ktieb tal-Eżodu jixhed l-esperjenza tal-poplu Lhudi fid-deżert ta' Sin; "erbgħin

sena" ta' tiġrib korporali (ġuħ, għatx u l-bqija) u spiritwali (ilmenti ma' Mosè dwar Alla) li jsawru l-vjaġġ ta' ritorn, mhux biss lejn l-art imwiegħda, iżda wkoll lejn Alla (16:35). F'episodji bħal dawn, id-deżert huwa progress interjuri daqskemm esterjuri, u x-xejriet topografiċi tiegħu jappartjenu għar-ruħ daqskemm għall-ġeografija. F'analoġija mal-qrara poetika ta' Galea, l-unjoni tal-bniedem mad-divin fid-deżert, li hija frott il-kriżijiet spiritwali li jġarrab il-poplu ta' Iżrael kollettivament, iġġib magħha faraġ ("farrġu l-poplu") u tama għas-salvazzjoni ("[i]ntemm il-jasar") (Iż. 40:1-2). Minn banda oħra, fis-salm li kiteb meta kien fid-deżert ta' Ġuda, David jirreferi għall-ambjent aridu ċirkostanti biex b'similitudni jalludi għax-"xewqa kbira għal Alla": "Ruħi bil-għatx għalik [...] bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma" (63[62]: 2). Saħansitra fit-Testment il-Ġdid, fl-"erbgħin jum" li Ġesù ġarrab fid-deżert, ix-xitan kemm-il darba ttantah f'dan l-ambjent kiefer fuq il-ġisem biex jiċħad li hu "Bin Alla," iżda Hu dejjem baqa' jirreżisti kull tentattiv imxajtan (Lq. 3:2-3).

L-ambjent imsaġġar iservi lil Galea bħala allegorija topografika oħra għas-sensibbiltajiet spiritwali tal-persona lirika. Il-poeżija eponimika "Għera" timmanifesta inverżjoni bejn "masġar sħiħ" u t-tneżżigħ iperboliku tiegħu mill-weraq kollha, sforz in-nifs tal-int indirizzat f'tentattiv biex dan isib għata għall-għera ta' ruħu. Madanakollu, it-tieni strofa tixhed ir-reżistenza perenni tar-ruħ għan-nudità tagħha stess, li xxejjen l-isforz fiżiku tan-nifs għal ġo falliment bla ebda rimedju: "Ruħek ma tilbisx." F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-interjorità tal-persuna indirizzata tikkoinċidi mal-qagħda tas-siġar mnejn ħorfu l-weraq, li anki fl-abbundanza tagħhom fl-art mhumiex suffiċjenti biex jgħattu lir-ruħ mikxufa u vulnerabbli tal-ieħor (li jista' jkun estensjoni tal-kelliem liriku nnifsu). Għaldaqstant, kif jistqarr Aquilina fl-epilogu għall-ġabra, il-ħarifa perpetwa ta' "masġar sħiħ" mhijiex sempliċiment fallaċja patetika li tqabbel is-sensibbiltajiet interjuri tal-jien liriku mal-ambjent tal-madwar (90), iżda tipprovdi lill-kelliem liriku bi xbihat konkreti u tanġibbli li jissostanzjaw l-istat interjuri, altrimenti kemxejn astratt, tal-ieħor misterjuż.

Din il-kundizzjoni ta' għera simultanjament ambjentali u spiritwali tpoġġi lill-int liriku wiċċ imb wiċċ mal-Ieħor divin, konfront li jkompli jintensifika l-vulnerabbiltà spiritwali proprju għaliex, filwaqt li l-ħarifa ambjentali twaqqa' "s-saqaf ta' weraq, [li] idallam" u konsegwentement li jxekkel l-osservazzjoni tal-bniedem lejn l-ajru divin (Galea, *Tħabbat Xtaqtek* 30), hekk ukoll lid-divin titwessagħlu

l-fetħa li minnha josserva aħjar lill-bniedem. Minkejja li l-individwu ma jafx jekk il-wiċċ tal-ieħor – dak li Levinas isejjaħlu *"le visage de l'autrui"* – huwiex qed josservah "bi ħlewwa jew b'disprezz," fil-ktieb tiegħu *Tħabbat Xtaqtek* (ippubblikat sena biss qabel il-ġabra *Għera*), Galea jirrikonoxxi l-għera tal-ruħ imberrħa għall-wiċċ etern bħala x-"xorti" li l-bniedem għandu jgawdi (30).

Filwaqt li "l-permanenza tal-għera" tinsisti fuq it-tperriċ ta' dimensjonijiet kemm lil hinn mir-ruħ kif ukoll 'il ġewwa minnha, daqstant ieħor tinħass insistenza fuq iċ-"ċaħda tal-ħoss". Dan għaliex, bħalma l-għera topografika tħalli lill-għajnejn jinfdu għal ġo territorji spiritwali mhux mifhuma, hekk ukoll tispikka l-għera verbali bħala medju akustiku paradossalment nieqes mill-ħoss, iżda li minnu xorta waħda kapaċi jinstema' dominju straordinarjament sejjieħi. Għaldaqstant, filwaqt li l-kelliem liriku ta' Galea dejjem jirrikorri għas-sensorju u l-konkret, paradossalment l-istess ambjent dejjem jisfa għeri jew imsikket, għaliex kif jargumenta t-Teologu Søren Kierkegaard fil-ktieb tiegħu *Fear and Trembling*, is-silenzju huwa r-retiċenza tal-espressività li, ironikament, twassal lill-individwu biex jisma' u jifhem id-divin anki fl-assenza tiegħu: "silence is also the deity's communion with the single individual" (77). Fid-disa' ktieb tal-qrariet tiegħu, Santu Wistin ukoll jinsisti li hija proprju r-ruħ imsikkta li għandha l-ħila tisma' l-kelma ta' Alla: "yea the very soul be hushed to herself, and by not thinking on self surmount self [...] we may hear His word" (199). Għaldaqstant, l-għera materjali u daqstant ieħor is-skiet assolut jitqiesu bħala gwadann, aktar milli telfien, għaliex iż-żewġ kundizzjonijiet iwarrbu kull xkiel sensorju li jista' jbiegħed lill-individwi mill-esperjenza rivelatorja altrimenti inaċċessibbli (Bindeman 3). Għaldaqstant, l-għera mhijiex biss in-nuqqas ta' għata fiżika, iżda wkoll il-ħarifa ambjentali (fallaċja patetika għal ruħ il-kelliem), l-intensifikazzjoni tas-silenzju tar-ruħ, u fuq kollox, il-vulnerabbiltà spiritwali tal-kelliem quddiem il-misteru divin.

F'episodji poetiċi oħra, il-kelliem liriku ta' Galea jmur lil hinn mid-dinja esterjuri viżibbli, biex jirrikorri għal elementi moħbijin taħt wiċċ l-art. Ngħidu aħna, fil-poeżija "X'għamlu għajnejk," il-kelliem liriku jinqeda bit-topografija ktonika "tan-nar u l-magma" biex jesprimi l-"abbiss" imdallam u etern li, għalkemm jikkaratterizza l-ispiritwalità tiegħu, għandu elementi vulkaniċi mnisslin minn u mreġġgħin lura għal għand l-int misterjuż implikat bħala preżenza sagra, speċjalment fejn in-nar jogħla bħal "fjammi [...] miġnuna" jiġri "mingħandek għal għandek" (Micallef,

"Il-Vokattiv fil-Lirika Minimalista" xxxv). F'dan il-mument, tiġi eliminata kull distinzjoni bejn il-jien u l-ieħor, tant li jisfumaw għal ġo figura waħda mifruxa f'indeterminatezza infinita, anonima, u impersonali (Levinas, *Existence and Existents* 52). Din il-qagħda, li fil-ktieb tiegħu *Existence and Existents* Levinas isejħilha "il y a" ("there is" fit-traduzzjoni Ingliża u "hemm" f'dik Maltija), tirreżisti kull forma jew identità definita, u għalhekk tibqa' dimensjoni vaga u misterjuża li, f'salt wieħed, tqanqal sensibbiltajiet ta' biża' ("the *there is* ... is horror") (55), imma wkoll ta' gost ("an abyss within enjoyment") (Levinas, *Totality and Infinity* 141), fi spiritwalità komuni għall-kelliem u s-semmiegħ.

Għaldaqstant, ir-ruħ lirika ta' Galea ma tibqax biss osservata mill-ħarsa ta' wiċċ l-ieħor (*"le visage de l'autrui"*), iżda tintilef jew tisfuma fis-sustanza tal-"il y a", imqar sabiex tipprova tippossediha b'tali mod li hi stess tisfa permanentement esposta f'dominju dipersonalizzat (Levinas, *Existence and Existents* 53-54, 60). Madanakollu, fil-ktieb tiegħu *In-Nar Għandu Isem,* Galea espliċitament jistqarr li din il-qagħda tar-ruħ imwaħħda mal-ieħor infinit hija stadju spiritwali mixtieq u maħlum minnu bħala kittieb konxju li l-vulkan ġewwieni mhuwiex għajr il-gost ekwivoku b'"ħuġġieġa ta' ħmura u sbuħija" li qatt mhi esklussivament tiegħu (63). L-aħħar kelmtejn tar-rumanz jiżvelaw li n-nar huwa, fil-fatt, il-mument epifaniku tal-wasla ta' Ġesù Kristu ġewwa fih (211).

Dan il-mument poetiku jaċċenna għal diversi ġrajjiet bibliċi li fihom id-divin jannunzja l-preżenza tiegħu b'xi forma ta' nar jaqbad. Ngħidu aħna, fil-ktieb tal-Eżodu, Alla jsejjaħ lil Mosè fuq il-muntanja ta' Ħoreb minn "ħuġġieġa nar qalb l-għollieq" li kien qed jaqbad "bla ma jintemm" (Eż. 3:2,4). Hekk ukoll, ir-rakkont tal-poplu Lhudi fid-deżert jixhed li matul il-lejl Alla kien "jimxi quddiemhom [...] f'kolonna tan-nar biex jagħtihom id-dawl" u jiggwidahom fit-triq it-tajba (Eż. 13:21).

Imqar it-topografija opposta, iżda daqstant estrema, tal-borra tirrappreżenta l-ispiritwalità irriduċibbli u l-intensitajiet bilkemm sopportabbli tar-ruħ poetika fil-lirika ta' Galea. Ngħidu aħna, fil-poeżiji "Mill-borra", il-kundizzjonijiet ta' friżar, staġnar u kesħa, li d-diskors jitqanqal minnhom iżda wkoll jintradam fil-kawża tagħhom (il-"borra"), jeliċitaw il-"partijiet kontrapuntali ta' moviment wieħed tar-ruħ", qagħda interjuri sospiża bejn "espressività u ħemda" li tipprova tirreaġixxi għal reżħa spiritwali li, madanakollu, tibqa' tippersisti: "Ġo rasi / mill-borra jibqa' jqum / il-kliem, / u l-borra tordmu" (Micallef, "Il-Vokattiv fil-Lirika Minimalista" xxiv). Hekk ukoll fil-poeżija "Xi

xtaqt nurik": il-borra taqdi lill-kelliem liriku biex jesprimi l-ħemda interjuri li paradossalment taħfen u twaqqaf il-ħin, tippreserva s-skiet, u tgħammex l-għajnejn bil-bjuda tagħha. Għaldaqstant, il-varjetajiet estremi ta' topografiji varji fil-poeżiji ta' Galea jindikaw l-ubikwità tad-divin u l-ħakma tiegħu fuq il-bniedem sensittiv għad-dinja ta' madwaru. F'eżempji poetiċi bħal dawn, l-għera (li wara kollox anki fit-tifsira fundamentali tagħha tfisser kxif) iġġorr is-sens ta' espożizzjoni għall-klimi estremi ta' sħana, kesħa, bjuda, skiet u l-bqija, effetti li, fl-istess waqt li jikxfu l-qagħda interjuri tal-kelliem liriku, jirrenduh ukoll penetrabbli, speċjalment mill-għajnejn osservanti iżda inviżibbli tal-Ieħor Assolut. Filwaqt li din it-topografija enigmatika tperreċ l-intensitajiet u l-epifaniji spiritwali ta' Galea, tippermetti lill-poeta jartikula b'mod allegoriku, dak il-"misteru ta' essenza li [...] jagħtih li jmiss fih innifsu l-estremi: [...] mis-sħana ħanina tal-estasi għall-kesħa krudila tad-disprament" (Sciberras, *Poeti Kontemporanji* 70).

## 4. Il-kawża tas-skiet: tneżżigħ verbali

Fil-poeżija ta' Galea s-skiet huwa sikwit konsegwenza ta' tneżżigħ verbali minn fomm il-kelliem liriku, mill-Ieħor divin dejjem assenti, jew anki mill-poeżija nnifisha f'mumenti ta' paraliżi interna minħabba l-intensitajiet spiritwali. Minkejja li f'mumenti partikolari l-persona lirika (sikwit sfumata fil-persuna indirizzata) tħossha eqreb tad-divin f'ambjent silenzjuż, kif intwera fil-poeżija "Għera", it-trażżin tal-kelma mhux dejjem hu volontarju u drabi oħra lanqas mhu mixtieq. Ngħidu aħna, fil-poeżija "Minutiera", il-mewt tikseb is-sura ta' "sikta" assoluta, forma ta' silenzju involontarju li l-ieħor indirizzat għadu u jibqa' ma jifhimx ladarba għadu qed jgħix: "sikta li għadek ma tafhiex għax l-arloġġ għadu jtektek."

Għalkemm il-mewt biss se tkun l-eliminazzjoni assoluta ta' kull diskors li jista' joriġina mill-int indirizzat, il-poeżija timplika li lanqas qabel il-mewt, waqt li "t-tektik tal-minutiera" għadu għaddej, ma jistħoqqlu jinkiteb ebda kliem ieħor f'ċirkustanza fejn "m'hemmx min jaqra". Fi kliem ieħor, ladarba l-għajnejn denji tal-Ieħor divin mhumiex fiżikament preżenti biex jarawh, il-kliem "li tikteb b'sebgħek fit-trab" jitlef il-potenza tiegħu anki qabel ma jintmess il-qiegħ "tal-iskaluni lejn il-mewt". Wara kollox, ladarba "l-imrieżaq għejew" u "l-għabra m'għadhiex tidher", il-ħtieġa li jikteb fit-trab tisfa eliminata wkoll, għax ma tħallix sinjali mqar effimeri fl-ajru. F'dan il-proċess ubikwitu ta'

tneżżigħ minn kull sinjal, fl-art jew fl-ajru, l-unika ħaġa li tibqa' tikser is-skiet ċirkostanti hija "l-minutiera ttektek". Madanakollu, l-epiżewski "skaluna skaluna" tissinkronizza l-mixja meqjusa tal-minutiera persistenti man-niżla lejn is-skiet assolut, il-mewt li finalment se tneżża' lill-individwu minn kull diskors – anki dak effimeru – sa ma tirriduċih għal ġo silenzju etern: "Baqa' biss il-minutiera / ttektek inżulek / skaluna skaluna / lejn is-sikta." Fil-qofol tagħha, il-poeżija tissuġġerixxi kif il-mogħdija kiebja tal-ħin tqanqal ansjetà u eżitazzjoni f'ruħ il-bniedem, sakemm finalment tirriduċih għax-xejn.

Fil-ktieb tiegħu *Being and Time*, Heidegger jissuġġerixxi kif is-sens ordinarju tal-kunċett tal-ħin għaddej ("time's passing away") jikkrolla quddiem wiċċ il-mewt, it-temporalità taż-żmien tinħass iżjed minn qatt qabel u konsegwentement tqanqal ansjetà fl-istat mentali tal-individwu li jaħseb u jgħix b'mod awtentiku, jiġifieri l-bniedem li jaċċetta t-temporalità taż-żmien tiegħu u jaffaċċja l-ħajja b'għarfien sħiħ tal-mortalità tagħha: l-għajxien lejn il-mewt huwa possibbiltà kontinwa li nġorru magħna, anzi li hija l-kundizzjoni eżistenzjali tagħna li ġġegħilna nikkonċernaw ruħna dejjem dwar il-wetqa tagħha, imqar bħala l-possibbiltà aħħarija li twaqqaf kull possibbiltà oħra (Bindeman 111; Heidegger 303-305).

Fl-istudju tiegħu dwar il-ktieb ta' David Patterson, *The Shriek of Silence: A Phenomenology of the Holocaust Novel,* Steven Bindeman jaqbel ma' Heidegger meta jistqarr kif il-mewt, jew aħjar, iż-żmien indefinit ta' qabel il-mewt, jimponi kuxjenza intensifikata fuq kull individwu konxju minnha: "it is hard to ignore, and it weighs heavily on the interlocutor" (130). Heidegger ikompli jargumenta kif, filwaqt li l-bniedem ta' ħsieb awtentiku kapaċi jifhem verament l-eżistenza temporali tiegħu u eventwalment jiddetermina l-mod ta' kif irid jgħixha, "l-oħrajn" inawtentiċi, b'mod żbaljat ikunu qed jaħsbu li ż-żmien ta' ħajjithom, jew "it-tektik tal-minutiera," huwa infinit (477). Is-silenzju jissarraf f'diversi mġibiet kuntrastanti fil-lirika ta' Galea, għaliex mhux f'kull episodju poetiku huwa instigat mill-istess kawża. Ngħidu aħna, it-tneżżigħ verbali fil-poeżija "Sospensjoni" la huwa konsegwenza tal-mewt, u lanqas ma huwa ħemda spiritwali kkawżata mill-abbandun tal-Ieħor Divin. Anzi, huwa silenzju splussiv imqanqal minn mument epifaniku tant b'saħħtu li, iperbolikament u ironikament, "faqgħalna / t-tnabar ta' widnejna". Din l-antiteżi tkompli toħloq intensità fil-persona kollettiva (l-aħna) għaliex is-skiet assolut, li minnu nnifsu huwa assenza ta' ħoss, ma għandux is-setgħa li jtarraxha (empirikament ma jistax jifqa' t-tnabar tal-widnejn).

Barra minn hekk, minkejja li s-"sebħ" illuminanti wara lejl sħiħ ta' dlam u borra (metonomiji rispettivament għall-oskurità tar-ruħ u għall-kundizzjoni ta' riġidità bierda) jimmotiva din l-esperjenza rivelatorja, l-istess għarfien li jfeġġ fil-persona kollettiva jqanqal sensiela ta' mistoqsijiet li jġegħluha tirrealizza l-kobor tal-misteru divin tant ineffabbli li jiżvela fil-menti tagħha natura "sospiża bejn l-għarfien u l-misteru". Huwa għalhekk li l-ħin jiffriża saħansitra fuq "xofftejna" u "kull kelma tmut qabel tinħolom", jiġifieri qabel tiġi kkontemplata, u allura sew qabel titlissen minn fomm il-ġemgħa: "Bil-ħin / iffriżat fuq xofftejna / kull kelma tmut / qabel tinħolom".

L-animazzjoni tissokta titwaqqaf meta n-nifs fl-arja jiġi sospiż minħabba li l-friegħi milwija ma għandhomx il-forza jiċċaqalqu taħt it-toqol tal-borra. Evidentement, l-ambjent ristrett minn kull azzjoni jissinkronizza mal-intensità spiritwali tal-persona kollettiva mtarrxa u msikkta, maħsuda għal ġol-għera tad-diskors. Għalhekk, kif jinsisti t-titlu tal-poeżija ("Sospensjoni"), kull ġest, moviment, ħoss, u diskors jissospendi ruħu minħabba esperjenza ta' tiġrib spiritwalment rivelatorju daqskemm fiżikament eżawrjenti.

Is-silenzju, li f'din il-poeżija jiġi rifless anki fl-istil konċiż, distillat u essenzjalist tal-lirika nnifisha, huwa kundizzjoni imperattiva li tevoka l-filosofija ta' Levinas dwar kif id-diskors għandu jfalli quddiem il-misteru tad-divin, għaliex mhuwiex għajr att ta' vjolenza li tipprova tiddefinixxi t-traxxendenza tal-Ieħor Assolut (Aquilina 78). Fil-fatt, l-uniku kmandament li jesprimi l-ħars ta' wiċċ l-ieħor huwa "la toqtolx", ordni fundamentali li skont il-filosfu ma tirreferix biss għall-att tal-qtil fiżiku, iżda anki għall-vjolenza verbali li b'mod awtoritarju tipprova tneżża' lill-ieħor indefinit mit-totalità misterjuża u traxxendentali tiegħu, billi tirriduċih għal ġo diskors li jitħajjar jiddeskrivi xi fattizzi viżibbli (Burggreave 29-30; Levinas, *Ethics and Infinity* 89). Minkejja li l-espressjoni ta' wiċċ l-ieħor tista' tinħass oppressiva u restrinġenti fl-awtorità anonima tagħha, l-individwu (il-jien kollettiv fil-poeżija ta' Galea) għandu jibqa' jġorr ir-responsabbiltà spiritwali u morali li ma jivvjolentax lill-ieħor infinit billi jipprova jaħkem, verbalment, it-totalità tiegħu (Burggreave 32).

Il-ħsieb ta' Levinas jidwi l-pubblikazzjoni aktar bikrija *Tractatus Logico-Philosophicus* ta' Ludwig Wittgenstein, fejn jistqarr li l-fenomeni kollha li jistgħu jingħataw definizzjoni verbali għandhom ukoll il-kapaċità li jiġu artikulati

b'ċarezza: "what can be said at all can be said clearly," waqt li kulma mhuwiex moqdi b'ebda artikulazzjoni lingwistika għandu jitħalla fis-silenzju (Wittgenstein 27). Kulma jinstab lil hinn mill-ħila verbali tagħna huwa turija ta' dominju li aħna maqtugħin minnu temporalment u spazjalment: "il-limiti tal-lingwa tiegħi jfissru l-limiti tad-dinja tiegħi" (Wittgenstein 149).

Fil-poeżija "Issa?" jinbet kunflitt bejn il-kelma u s-silenzju. Filwaqt li t-tneżżigħ tal-kliem isebbaħ lir-ruħ f'għajnejn il-kelliem liriku ("aktar dhertli sabiħa"), l-istess għera verbali ("bla kliem fuq fommi") ixxekklu milli jsib id-dħul għal ġo dak il-bosk li ruħu "ssirl[u] fih / is-siġar kollha". Dan il-bosk suġġestiv mhuwiex għajr metafora għall-interjorità tal-persona li tinbela' f'misteru indeċifrabbli. Ironikament, is-skiet li impona fuqu hu stess jibdel is-sbuħija bikrija tar-ruħ għal ġo diżorjentament, speċjalment fejn il-menti u l-korp tiegħu jinqabdu t-tnejn li huma f'ħemda li tkessaħ, sakemm it-twaħħid naturali tar-ruħ u l-ġisem jinħall u r-ruħ tinfired mil-lok korporali tagħha: "U fejn hi sbuħitek / fil-ħemda ta' moħħi / Issa / fejn int / f'dal ġisem kiesaħ?" Din il-firda tkompli tafferma kemm il-"bosk" maħlum mhuwiex ħlief illużjoni, immaġinazzjoni distinta għalkollox mir-realtà mixtieqa tal-jien liriku. Apparti minn hekk, l-istess firda tiżdied fil-grad tagħha ta' intensità spiritwali bis-serje ta' mistoqsijiet onesti (mhux rettoriċi) li jsaqsi l-kelliem liriku. Fuq kollox, anki t-titlu "Issa?" huwa minnu nnifsu mistoqsija li tikxef it-thewdin ta' persona tistenna dak li jmiss f'qagħda inċerta. Fi kliem ieħor, il-kelliem liriku qed isaqsi: x'inhu l-pass li għandu jmidd biex ruħu tinnaviga f'dan il-misteru? Is-silenzju huwa jew mhuwiex il-medju awtentiku biex ir-ruħ tasal tagħraf triqitha fil-bosk tagħha stess? It-teknika tal-apostrofi ("ruħ tiegħi"), imħaddma kontinwament matul il-poeżija, tkompli tintensifika r-relazzjoni ta' bejn ir-ruħ u l-ġisem tal-jien liriku, proprju għaliex id-djalogu li jibda b'diskors bejnu u bejn ruħu jisfa f'monologu konsegwenza tar-ruħ mitlufa fil-bosk li, ironikament, ħolom hu stess. F'din il-kundizzjoni, ir-ruħ issir bħallikieku entità oħra animata 'l barra minn ġismu. F'din il-poeżija, għalhekk, is-silenzju jsir fenomenu problematiku għaliex la jibqa' l-mezz akustiku li minnu jagħraf is-sbuħija ta' ruħu, u wisq anqas il-medju li fih kapaċi tinstema' l-preżenza inviżibbli tad-divin, li kif jistqarr Aquilina fl-epilogu tiegħu, essenzjalment huma entitajiet li jagħmlu parti minn totalità waħda: "l-Ieħor bħala Alla jew il-proxxmu, jew il-mewt, jew l-infinità, jew ir-ruħ [... dawn huma] kollha, fl-aħħar mill-aħħar, l-istess ħaġa" (90).

## 5. Konklużjoni

Dan l-istudju ttratta d-diversi rwoli tal-motif tal-għera f'ġabra poetika ta' Gioele Galea. Kif intwera, il-kelliem liriku ta' Galea jneżża' lil fommu mill-kliem sa ma jilħaq skiet assolut, ixidd lil ruħu minn kull libsa verbali protettiva, u b'hekk jiddistilla l-lirika tiegħu għall-essenzjalità assoluta tad-diskors, ħafna drabi intensifikata bi klimi estremi li jaħarqu (il-vulkan jew id-deżert), jiffriżaw (il-borra), u jiddiżintegraw (il-ħarifa li twaqqa' l-weraq) l-espressjoni sakemm tinħeles minn kull superfluwità. Sfumati flimkien għal skop wieħed, dawn il-funzjonijiet varji tal-motif tal-għera jirriflettu l-vjaġġ simultanjament sofferenti u trijonfanti tal-individwu li, fiċ-ċokon eżistenzjali tiegħu, jirsisti biex jiddeċifra "l-misteru tal-ħajja umana maqbuda fil-vortiċi tal-għatx għall-Assolut" (Sciberras, *Bil-Kliem Żvinat* 10). Għaldaqstant, filwaqt li l-għera tissarraf f'pellegrinaġġ ta' vulnerabbiltà spiritwali (interjorità li tisfa mdallma, siekta, u solitarja), hija fl-istess waqt qagħda meħtieġa għall-istess ruħ li tixxennaq biex tifhem l-"Essri Assolut" (Sciberras, *Bil-Kliem Żvinat* 10, 16). Madanakollu, proprju għaliex dan "l-Essri Assolut" huwa misteru li jisboq l-intellett tal-individwu, ir-ruħ dejjem se tibqa' tivverifika lilha nnifisha fil-"permanenza tal-għera" ("Għera" 33), anki għaliex, ironikament, minkejja li tqarrbek lejn id-divin, il-misteru tal-ieħor infinit ma jistax jitlef in-natura ineffabbli tiegħu. Indubjament, il-motif tal-għera bħala strument għal orjentazzjoni spiritwali ġdida huwa msawwar minn diversi kunflitti u paradossi li jkomplu jasserixxu l-limiti temporali u spazjali kemm tal-persona lirika kif ukoll tal-bqija tal-umanità inġenerali; "l-għera [...] hi dik li tikxfu distint għalkollox minn Alla" għaliex "jekk Alla hu l-Kollox, hu, bħala distint minnu, hu x-xejn" (Sciberras, "Poeti Kontemporanji" 71).

## Biblijografija


Aquilina, Aaron. Epilogu. *Għera: Poeżija,* ta' Gioele Galea, 2018, Horizons, pp. 75-91.

*Il-Bibbja*. Għaqda Biblika Maltija, it-tieni ed., 1996.

Bindeman, Steven L. *Silence in Philosophy, Literature and Art*. Brill-Rodopi, 2017.

Burggraeve, Roger. "Violence and the Vulnerable Face of the Other: The Vision of Emmanuel Levinas on Moral Evil and Our Responsibility." *Journal of Social Philosophy,* vol. 30, nru. 1, pp. 29-45, 1999, doi-org.ejournals.um.edu.mt/10.1111/0047-2786.t01-1-00003. Aċċessat fid-29 ta' Marzu 2023.

Heidegger, Martin. *Being and Time*, tradott minn John Macquarrie u Edward Robinson, Harper & Row Publishers, 1962.

*Il-Bibbja.* Għaqda Biblika Maltija, It-Tieni Edizzjoni, 1996.

Galea, Gioele. *Għera: Poeżija*. Horizons, 2018.
—. *In-Nar Għandu Isem*. Horizons, 2020.
—. *Tħabbat Xtaqtek: Djarju mill-Eremitaġġ*. Pubblikazzjoni Horizons, 2017.

Kavanaugh, Kieran u Otilio Rodriguez, tradutturi. *The Ascent of Mount Carmel - The Collected Works of St. John of the Cross*. ICS Publications, 1991.

Kierkegaard, Søren. *Fear and Trembling*, editjat minn C. Stephen Evans u Sylvia Walsh, tradott minn Sylvia Walsh. Cambridge U P, 2006.

Levinas, Emmanuel. *Ethics and Infinity: Conversations with Philippe Nemo*, tradott minn Richard A. Cohen. Duquesne U P, 1985.

McGinn, Bernard. "Oceans and Deserts as Symbols of Mystical Absorption in the Christian Tradition." *Journal of Religion*, U of Chicago P, vol. 74, nru. 2, 1994, pp. 155-181.

Mercieca, Pierina. *The Desert Experience. Insights for Spiritual Companionship in a Crisis of Faith.* 2014. L-Università ta' Malta, Teżi tal-M.A. *OAR@UM.*

Micallef, Bernard. Introduzzjoni. *Għera: Poeżija,* ta' Gioele Galea, Horizons, 2018, pp. vii-xlvii.

Patterson, David. *The Shriek of Silence: A Phenomenology of the Holocaust Novel.* The U P of Kentucky, 1992.

Santu Wistin. *The Confessions of St. Augustine*, tradott minn Edward Bouverie Pusey, The Floating Press, 2008.

Sciberras, Andrew. *Bil-Kliem Żvinat Ġo Ħoġri: L-Esperjenza tal-Misteru fil-Poeżija ta' Joe P. Galea*. Pubblikazzjoni Horizons, 2016.

—. *Poeti Kontemporanji Mgħoddija mill-Għarbiel*. Pubblikazzjoni Andrew Sciberras, 2018.

Steuart, Robert Henry Joseph. *The Mystical Doctrine of St. John of the Cross.* Burns & Oates, 2002.

Stollenwerk, Daniel. "Void, Gap, Nada: St. John of the Cross' 'Dark Night of the Soul' in James K. Baxter's Jerusalem works." *Stimulus: The New Zealand Journal of Christian Thought and Practice,* 2006, vol. 14, nru. 2, pp. 24-32, web-p-ebscohost-com.ejournals.um.edu.mt/ehost/pdfviewer/pdfviewer?vid=0&sid=393f40b8-ff7a-4c7a-b541-53686bc570d5%40redis, aċċessat 28 Frar, 2023.

Symonds, J. *The Case and Cure of a Deserted Soul: A Treatise Concerning the Nature, Kinds, Degrees, Symptoms, Causes, Cure of, and Mistakes about Spiritual Desertions*. Digital Puritan Press, 1642.

Wang, David. C. "Two Perspectives on Spiritual Dryness: Spiritual Desertion and the Dark Night of the Soul." *Journal of Spiritual Formation and Soul Care*, vol. 4, nru. 1, pp. 27-42, 2011, doi-org.ejournals.um.edu.mt/10.1177/193979091100400103. Aċċessat 3 Frar 2023.

Wittgenstein, Ludwig. *Tractatus Logico-Philosophicus*. Kegan Paul, Trench, Trubner & Co., Ltd. 1933.